



Brussell, 25 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7004/1/26
REV 1

EF 55
ECOFIN 286

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
fi: 25 ta' Marzu 2026

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/... ta'
...dwar l-estensjoni tal-mandat tal-President tal-Awtorità Ewropea tal-
Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA)

1. Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/879¹, il-Kunsill ħatar lis-Sa Petra HIELKEMA bħala President tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) għal perjodu ta' ħames snin mill-1 ta' Settembru 2021.
2. Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 jipprevedi li l-mandat tal-President tal-EIOPA (il-"President") għandu jkun ta' ħames snin u jista' jiġi estiż darba. Dak ir-Regolament jipprevedi wkoll li, matul id-disa' xhur ta' qabel it-tmiem tal-mandat ta' ħames snin, il-Bord tas-Superviżuri tal-EIOPA (il-"Bord tas-Superviżuri") għandu jwettaq evalwazzjoni u li, b'kont meħud ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kunsill, fuq proposta mill-Bord tas-Superviżuri u bl-assistenza tal-Kummissjoni, jista' jestendi l-mandat tal-President.
3. L-ewwel mandat ta' ħames snin tas-Sa Petra HIELKEMA wasal biex jiskadi fil-31 ta' Awwissu 2026.
4. F'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, il-Bord tas-Superviżuri wettaq evalwazzjoni, fejn ivvaluta r-riżultati miksuba mis-Sa Petra HIELKEMA matul l-ewwel mandat tagħha bħala President, il-mod li bih inkisbu dawk ir-riżultati u d-dmirijiet u r-rekwiżiti tal-EIOPA għas-snin li ġejjin.

¹ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/879 tas-27 ta' Mejju 2021 dwar il-ħatra tal-President tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) (ĠU L 192, 1.6.2021, p. 14, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2021/879/oj).

6. L-evalwazzjoni kkonkludiet li l-prestazzjoni tas-Sa Petra HIELKEMA kienet sodisfaċenti u li t-tmexxija kontinwa tagħha tikkontribwixxi għat-twettiq effettiv tal-mandat tal-EIOPA.
7. Il-Bord tas-Superviżuri għaldaqstant irrakkomanda li l-mandat tas-Sa Petra HIELKEMA bħala President jiġi estiż għat-tieni mandat.
8. Wara li kkunsidra l-evalwazzjoni u r-rakkomandazzjoni tal-Bord tas-Superviżuri, huwa ssuġġerit li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jistieden lill-Kunsill jadotta l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill kif jinsab fid-dokument ST 7000/2026 li testendi l-mandat tas-Sa Petra HIELKEMA bħala President tal-EIOPA għat-tieni mandat ta' ħames snin,